

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 314/2011**tat-30 ta' Marzu 2011****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha jew li żżid kwalunkwe suddivizzjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella stipulata fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

- (4) Ikun xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja vinkolanti nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽²⁾.

- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella stipulata fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Apparat (hekk imsejjaħ "kamera termali bir-raġġi infrared") biex taqbad immaġini ta' rad-jazzjoni infrared permezz ta' mikrobolometru u li turi dawn l-immaġini f'kuluri li jkunu jirrappreżentaw it-temperaturi differenti, b'dimensjoni ta' madwar 26 × 8 × 11-il ċm. L-apparat huwa magħmul minn: — lenti li tinqala', — mikrobolometru b'riżoluzzjoni ta' 160 × 120 pixel, kapaċi li jkejjel temperaturi minn 20 °C sa 250 °C, — skrin tal-kulur bil-kristalli likwidi (LCD) b'riżoluzzjoni ta' 320 × 240 pixel li jkollu skrin ta' kejl dijagonali ta' 7 ċm (2,5 pulzieri), u — memorja li tista' terfa' sa 200 immaġini fil-format JPEG. Il-mikrobolometru, peress li huwa sensur termiku użat bħala individwatur fil-kamera, jipprovdi 19 200 pixel f'kull immaġini fejn kull pixel tirrappreżenta r-riżultat ta' kejl ta' temperatura. L-immaġini tintwera f'diversi kuluri li jirrappreżentaw il-kejl ta' diversi temperaturi, flimkien ma' skala vertikali li turi t-temperatura fin-naħa ta' fuq u n-naħa ta' isfel tal-firxa magħżula ta' temperaturi u l-firxa ta' kuluri li jmorru minn fuq għal isfel. L-apparat huwa wkoll kapaċi jkejjel it-temperatura ta' punt speċifiku u juri r-riżultat fuq skala ta' temperatura. L-apparat jintuża għall-manutenzjoni preventiva biex isib difetti fil-kostruzzjoni jew punti fejn ikun hemm issiġillar ħażin fl-insulazzjoni u fis-sħana.	9025 19 20	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tal-kitba fil-kodiċi NM 9025, 9025 19 u 9025 19 20. Peress li l-apparat hu kapaċi li jkejjel it-temperatura u jirrappreżenta l-valuri mkejla f'ċifri, li hija funzjoni koperta mill-intestatura 9025, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8525 bħala kamera hi eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM għall-intestatura 8525). Peress li l-iskop tal-apparat mhux dak li jkejjel jew li jivverifika kwantitajiet ta' sħana iżda li jsib il-livell ta' radjazzjoni ta' infrared (kejl ta' temperatura), il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9027 hi eskluża. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi tiegħu, l-apparat għandu għalhekk jiġi kklassifikat skont il-kodiċi tan-NM 9025 19 20 bħala termometru.